32004R0864

L 161/48 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.4.2004

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 864/2004

## tad-29 ta' April 2004

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' għajnuna diretta skond il-politika komuni ta' l-agrikoltura u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' għajnuna għall-bdiewa, u li jadattah minħabba d-dħul tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 4 fuq il-qoton [1], anness ma' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-1979, u b'mod partikolari l-paragrafu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni li jikkonċerna r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 57(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [4];

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekomomiku u Soċjali Ewropew [5],

Wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi:

(1) Il-firda ta' l-għajnuna diretta għall-produttur u l-introduzzjoni ta' l-iskema ta' pagament wieħed huma elementi essenzali fil-proċess għar-riforma tal-politika komuni ta' l-agrikoltura li hija immirata biex titwarrab il-politika ta' għajnuna fil-prezz u fil-produzzjoni u minflok tiddaħħal il-politika ta' għajnuna għad-dħul tal-bdiewa. Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [6] introduċa dawn l-elementi għal numru kbir u varjat ta' prodotti agrikoli.

(2) Sabiex tilħaq l-għanijiet li jinsabu fil-qalba tar-riforma tal-politika komuni ta' l-agrikoltura, l-għajnuna għall-qoton, iż-żejt taż-żebbuġa, it-tabakk mhux ipproċessat u l-ħops għandha tkun fil-biċċa l-kbira mifruda u integrata fl-iskema ta' pagament wieħed.

(3) Ir-regoli fuq l-iskemi ta' għajnuna diretta stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom ikunu adattati sabiex jippermettu l-implimentazzjoni fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

(4) Fil-perjodu ta' referenza mill-2000 sa l-2002, l-ebda għajnuna diretta għall-produttur tal-qoton ma kienet teżisti. Madankollu, skond l-arranġamenti fis-seħħ waqt dak il-perjodu, l-għajnuna tal-Komunità kienet qed tgħaddi għand il-produtturi permezz ta' l-għajnuna immirata għal dawk li jfesdqu l-qoton.

(5) Integrazzjoni sħiħa fl-iskema ta' pagament wieħed ta' l-iskema preżenti ta' għajnuna fis-settur tal-qoton toħloq riskju kbir ta' tfixkil għall-produzzjoni f'dawk ir-reġjuni tal-Komunità li jipproduċu l-qoton. Għalhekk parti mill-għajnuna għandha tibqa' tiġi magħquda mal-kultivazzjoni tal-qoton permezz ta' pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba għal kull ettaru eliġibbli. L-ammont tagħha għandu jkun ikkalkolat b'tali mod li jiġu assigurati l-kondizzjonijiet ekonomiċi li, f'reġjuni li fihom jitkabbar dak il-prodott tar-raba', jippermettu biex titkattar l-attività fis-settur tal-qoton u biex jiġi evitat li l-qoton jingħata l-ġenb minħabba prodotti oħra. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, huwa ġustifikat li l-għajnuna kollha disponibbli għal kull ettaru għal kull Stat Membru tkun stabbilita għal 35 % tas-sehem ta' l-għajnuna nazzjonali li kienet ingħatat b'mod indirett lill-produtturi.

[1] ĠU L 291, 19.11.79, p. 174. Il-Protokoll kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1050/2001 (ĠU L 148, ta' l-1.6.2001, p. 1).
[2] ĠU L 236, 23.09.03, p. 17.
[3] ĠU L 236, 23.09.03, p. 33.
[4] Opinjoni mibgħuta fl-10 ta' Marzu 2004 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[5] Opinjoni mibgħuta fis-26 ta' Frar 2004 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[6] ĠU L 270, 21.10.03, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 583/2004 (ĠU L 91, 30.03.04, p. 1).

(6) Il-65 % li jifdal mis-sehem ta' l-għajnuna nazzjonali li kienet ingħatat b'mod indirett lill-produtturi għandha tkun disponibbli għall-iskema ta' pagament wieħed.

(7) Għal raġunijiet ambjentali, għandha tiġi stabbilita żona li sservi bħala bażi f'kull Stat Membru sabiex ikunu limitati ż-żoni li fihom jitkabbar il-qoton. Barra minn hekk, iż-żoni eliġibbli għandhom ikunu restritti għal dawk awtorizzati mill-Istati Membri.

(8) Sabiex il-produtturi u dawk li jfesdqu l-qoton ikollhom l-opportunità li jtejbu l-kwalità tal-qoton, it-twaqqif ta' organizzazzjonijiet inter-dipartimentali għandha tkun imħeġġa, liema organizzazzjonijiet għandhom ikunu approvati mill-Istati Membri. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu iffinanzjati mill-membri tagħhom. Il-Komunità għandha tgħin b'mod indirett l-attivitajiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet billi żżid l-għajnuna lil dawk il-bdiewa li jkunu membri ta' l-organizzazzjonijiet.

(9) Sabiex jagħtu spinta lill-provvisti ta' kwalità li jmorru għall-industrija, l-organizzazzjonijiet approvati għandhom ikunu awtorizzati biex jiddistingwu fl-għajnuna li l-produtturi-membri tagħhom ikunu intitolati għaliha skond sistema ta' gradazzjoni li tkun adottata minnhom stess. Is-sistema ta' gradazzjoni, approvata mill-Istati Membri, għandha tieħu kont tal-kriterji li jiġu stabbiliti.

(10) Integrazzjoni sħiħa fl-iskema ta' pagament wieħed ta' l-iskema preżenti ta' għajnuna li hija magħquda mal-produzzjoni għas-settur taż-żebbuġ tista' toħloq problemi f'ċerti reġjuni tradizzjonali li jipproduċu fil-Komunità. Hemm ċertu riskju ta' tfixkil konsiderevoli għall-manutenzjoni tas-siġar taż-żebbuġ, liema tfixkil jista' jwassal għad-degradazzjoni tal-wiċċ ta' l-art u tal-pajsaġġ jew għal impatt soċjali negattiv. Parti mill-għajnuna għalhekk tista' tiġi mgħaqqda mal-manutenzjoni ta' l-imsaġar taż-żebbuġ li jkunu ta' valur ambjentali jew soċjali.

(11) Għalhekk, mill-inqas 60 % tal-medja tal-pagamenti ta' l-għajnuna għall-produzzjoni fis-settur taż-żebbuġ fil-perjodu ta' referenza mill-2000 sa l-2002 għandhom jiġu mibdula f'drittijiet skond l-iskema ta' pagament wieħed; il-kalkolazzjoni tat-titoli għal kull bidwi individwali għandha tkun ibbażata fuq is-snin ta' bejgħ kummerċjali 1999/2000, 2000/01, 2001/02 u 2002/03. Madankollu, raba' mikri għand ħaddieħor ta' inqas minn 0,3 żebbuġ GIS-ha, stabbilit fuq il-bażi tas-sistema ġeografika ta' informazzjoni għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ, għandu, għal raġunijiet ta' ekwità, jkun integrat b'mod sħiħ fl-iskema.

(12) In-numri ta' ettari li għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tad-dritt għall-pagament wieħed għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tas-sistema ġeografika ta' informazzjoni għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ, li minn issa -il quddiem għandha tagħmel parti mill-amministrazzjoni u s-sistema ta' kontroll integrat.

(13) Il-parti li jifdal tal-pagamenti li jservu bħala għajnuna għall-produzzjoni fis-settur taż-żebbuġ waqt il-perjodu ta' referenza għandha tinżamm mill-Istati Membri, bħala pakketti nazzjonali, sabiex tingħata għajnuna lill-bdiewa bħala kontribuzzjoni għall-manutenzjoni ta' msaġar taż-żebbuġ ta' valur ambjentali jew soċjali, inklużi l-aspetti ta' tradizzjonijiet lokali u kulturali, b'mod partikolari f'żoni marġinali. Raba' mikri għand ħaddieħor ta' anqas minn 0,3 żebbuġ GIS-ha għandu jkun eliġibbli bl-istess mod. Għar-raġunijiet ta' simplifikazzjoni, pagamenti skond din l-iskema għandhom ikunu mill-inqas ta' ammont ta' EUR 50.

(14) L-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibilità li jżommu l-ammont neċessarju biex jiffinanzjaw l-attivitajiet fis-settur taż-żejt taż-żebbuġ li jkunu relatati mal-kwalità, il-moniteraġġ u l-informazzjoni dwar il-prodott, li jsiru skond programmi tax-xogħol stabbiliti minn organizzazzjonijiet ta' operaturi approvati.

(15) Huma biss iż-żoni li jikkorrispondu mas-siġar taż-żebbuġ miżrugħa qabel l-1 ta' Mejju 1998 jew mas-siġar li jieħdu post jew mas-siġar li jkunu koperti minn programm approvat mill-Kummissjoni li għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna għall-produzzjoni skond l-iskema preżenti u għalhekk għandhom ikunu l-uniċi żoni inklużi taħt l-iskema ta' pagament wieħed u għandhom ikunu eliġibbli skond l-iskema ta' pagament ta' l-imsaġar taż-żebbuġ. Għal Ċipru u Malta, it-terminu perentorju għandu jkun il-31 ta' Diċembru 2001, skond id-deroga msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98 li temenda r-Regolament Nru 136/66/KEE fuq it-twaqqif ta' organizzazzjoni ta' suq komuni għaż-żjut u x-xaħmijiet ([1]).

(16) Għal Ċipru u Malta, l-ammonti massimi ta' għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ jistgħu jiġu stabbiliti b'mod definittiv biss wara l-introduzzjoni tas-sistema ġeografika ta' informazzjoni f'dawn l-Istati Membri. Huwa meħtieġ għalhekk li jsir provvediment għall-possibilità ta' reviżjoni tal-figuri ta' l-ammonti massimi stabbiliti għal dawn l-Istati Membri.

(17) L-iskema ta' għajnuna preżenti għall-produtturi tat-tabakk mhux ipproċessat għandha tiġi mifruda parzjalment u integrata fl-iskema ta' pagament wieħed u trasferita parzjalment fil-pakkett ta' ristrutturar. Madankollu, sabiex ikun evitat l-effett ta' tfixkil fuq il-produzzjoni u l-ekonomiji lokali, u sabiex il-prezz tas-suq ikun jista' jiġi aġġustat għall-kondizzjonijiet il-ġodda, l-Istati Membri għandhom ikunu permessi jżommu waqt il-perjodu ta' transizzjoni sa 60 % tal-pagamenti ta' l-għajnuna għall-produzzjoni fis-settur tat-tabakk jew magħquda jew biex jagħtu l-parti li tibqa' bħala għajnuna mifruda.

([1]) ĠU L 210, tat-28.7.1998, p. 32. Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

(18) Bdiewa li jkunu ħallew is-settur tat-tabakk permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm ta' kwota għax-xiri mill-ġdid stabbilit skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat u li jkunu ingħataw l-għajnuna skond l-iskema ta' pagament wieħed, m'għandhomx barra minn dan, jingħataw il-prezz tax-xiri mill-ġdid iżda għandhom jingħataw l-opportunità li jagħżlu bejn iż-żewġ tipi ta' pagamenti. Madankollu, sabiex tkun assigurata l-għażla ġusta, parti mill-prezz tax-xiri mill-ġdid għandu jingħata lura fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi ikkumpensata d-differenza bejn l-ammont ta' għajnuna għat-tabakk inkluża fil-kalkolu ta' l-ammont ta' referenza u l-ammont tax-xiri mill-ġdid, fejn dan l-ammont ta' l-aħħar ikun akbar.

(19) Rigward il-premium li ser jibqa' jingħata għall-produzzjoni tat-tabakk fis-snin 2006 u 2007, ammont li jkun ugwali għal 4 % għall-ewwel sena u 5 % għat-tieni sena għandu jiġi trasferit fil-Fond tat-Tabakk tal-Komunità, sabiex ikunu jistgħu jiġu iffinanzjati l-azzjonijiet ta' informazzjoni għat-titjib ta' l-għarfien pubbliku dwar l-effetti ħżiena tal-konsum tat-tabakk.

(20) L-integrazzjoni sħiħa tal-ħops fl-iskema ta' pagament wieħed tippermetti biex il-bidwi tal-ħops jirċievi dħul stabbli. Jekk il-bidwi jiddeċiedi, per eżempju minħabba l-kondizzjonijiet tas-suq jew għal raġunijiet strutturali, biex jabbanduna t-tkabbir u l-ħsad tal-ħops, hu jista' jagħmel dan b'mod liberu mingħajr ma jispiċċa mingħajr dħul.

(21) Sabiex ikun jista' jitratta s-sitwazzjonijiet speċifiċi tas-suq jew l-implikazzjonijiet reġjonali, l-Istat Membru ikkonċernat għandu jingħata l-possibiltà li jżomm ċertu persentaġġ ta' l-għajnuna mifruda. F'dan il-każ, l-Istat Membru jista' jalloka l-komponent miżmum, b'mod sħiħ jew parzjali, lill-bdiewa li jipproduċu l-ħops permezz ta' għajnuna għal xi żona u/jew għal xi gruppi ta' produtturi rikonoxxuti sabiex dawn ikunu jistgħu iwettqu ċertu xogħolijiet.

(22) Il-firda ta' l-għajnuna għall-qoton u għat-tabakk mhux ipproċessat tista' tinħtieġ azzjonijiet li jwasslu għar-ristrutturar. Għajnuna addizzjonali tal-Komunità għar-reġjuni li jipproduċu ta' l-Istati Membri li jkunu ingħataw l-għajnuna tal-Komunità għall-qoton u għat-tabakk mhux ipproċessat fl-2000, 2001 u 2002 għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni permezz ta' trasferiment ta' fondi mill-Intestatura 1(a) għall-Intestatura 1(b) tal-perspettivi finanzjarji. Din l-għajnuna addizzjonali għandha tintuża kif ipprovdut fir-Regolament tal-Kunisll (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-għajnuna għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) ([1]).

(23) Sabiex tkun assigurata l-kontinwazzjoni armonizzata tal-pagament ta' l-għajnuna fuq id-dħul lill-produtturi fis-setturi tal-qoton, żejt taż-żebbuġ u tabakk, l-għażla għall-posponiment ta' l-integrazzjoni ta' dawn l-iskemi ta' għajnuna fl-iskema ta' pagament wieħed m'għandiex tapplika.

(24) Fuq bażi ta' data ġdida iż-żona nazzjonali garantita għal-lewż fil-Polonja għandha tiżdied.

(25) Sabiex ikun assigurat li l-modifiki magħmula għall-Istati Membri l-ġodda jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ sad-data ta' l-adeżjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "— skemi ta' għajnuna għall-bdiewa li jipproduċu qamħ ta' l-Awstralja, prodotti tar-raba' bil-proteini, ross, lewż, prodotti li jagħtu l-enerġija, patata bil-lamtu, ħalib, żerriegħa, prodotti li jinħartu, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, legumi li jipproduċu frotta, qoton, tabakk, ħops, kif ukoll għall-bdiewa li jkabbru l-imsaġar taż-żebbuġ;".

2. L-Artikolu 11(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "1. Waqt li jingħata bidu bil-budget ta' l-2007, bil-għan li jkun aċċertat li l-ammonti għall-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni li fil-preżent tinsab taħt is-subtitolu 1a (miżuri tas-suq u għajnuniet diretti) ikunu jirrispettaw il-limiti annwali stabbiliti fid-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li jiltaqgħu fil-Kunsill fit-18 ta' Novembru 2002, li jikkonċerna l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ser jiltaqa' fi Brussel fl-24 u fil-25 ta' Ottubru 2002, aġġustament tal-pagamenti diretti għandu jiġi stabbilit meta l-previżjonijiet għall-iffinanzjar tal-miżuri taħt is-subtitolu 1a għal sena partikolari ta' budget, miżjuda bl-ammonti mogħtija fl-Artikoli 143d u 143e u qabel l-applikazzjoni tal-modulazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(2), jindikaw li l-limitu annwali msemmi aktar -il fuq, hekk kif jittieħed kont ta' marġinu ta' EUR 300 miljun taħt dak il-limitu, ikun ser jinqabeż. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-perspettiva finanzjarja mill-2007 sa l-2013.".

([1]) ĠU L 160, 26.06.99, p. 80. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1783/2003 (ĠU L 270, 21.10.03, p. 70).

3. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 19(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"Din il-bażi ta' data għandha, b'mod partikolari, tippermetti l-konsultazzjoni diretta u immedjata, permezz ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, tad-data relatata mas-snin tal-kalendarju u/jew tal-bejgħ kummerċjali li jibdew mis-sena 2000 u, għall-għajnuna mogħtija taħt il-Kapitolu 10b tat-Titolu IV, mill-1 ta' Mejju1998.".

4. L-Artikolu 20 huwa mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 20*

**Sistema ta' identifikazzjoni għall-pakketti agrikoli**

1. Is-sistema ta' identifikazzjoni għall-pakketti agrikoli għandha tiġi stabbilita fuq bażi tad-dokumenti tal-mapep jew tar-reġistrazzjoni ta' l-art jew fuq referenzi oħra kartografiċi. Għandhom jiġu użati metodi ta' teknika ta' sistemi kompjuterizzati ta' informazzjoni ġeografika prefe-ribbilment li jkunu jinkludu l-orto-ritratti mill-ajru u mill-ispazju, bi standard omoġenju li jiggaratixxi preċiżjoni li tkun ta' l-anqas ekwivalenti għall-kartografija bi skala ta' 1:10000.

2. Is-sistema ta' identifikazzjoni għandha, fejn ikun xieraq, tinkludi sistema ġeografika ta' informazzjoni fuq il-kultivazzjoni taż-żebbuġ, li tkun tikkonsisti minn database kompjuterizzata alfanumerikali u database kompjuterizzata ta' referenza grafika għas-siġar taż-żebbuġ u ż-żoni ikkonċernati.".

5. L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-inċiż li ġej għandu jidħol wara l-ewwel inċiż:

"— in-numru ta' siġar taż-żebbuġ u l-pożizzjoni tagħhom fil-pakkett,";

(b) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-applikazzjoni għall-għajnuna tkun tinħtieġ biss l-inklużjoni ta' tibdiliet rigward l-applikazzjoni għall-għajnuna li tkun ġiet sottomessa is-sena ta' qabel. Stat Membru għandu jqassam formoli stampati minn qabel li jkunu ibbażati fuq iż-żoni stabbiliti fis-sena ta' qabel u jforni materjal grafiku li jindika l-lok ta' dawk iż-żoni u, fejn xieraq, il-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ.".

6. L-Artikolu 35 huwa mibdul bdan li ġej:

*"L-Artikolu 35*

**Pretensjonijiet doppji**

1. Iż-żona li tikkorrispondi man-numru ta' ettari eliġibbli kif imsemmija fl-Artikolu 44(2) li għaliha tiġi sottomessa applikazzjoni għall-pagament wieħed tista' tkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal kwalunkwe pagament ieħor dirett kif ukoll għal kwalunkwe għajnuna oħra li ma tkunx koperta b'dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor.

2. Bdiewa li jkunu ipparteċipaw fl-iskema tal-kwota tat-tabakk għax-xiri mill-ġdid skond ir-Regolament (KEE) Nru 2075/92 għandhom ikunu intitolati għall-pagament wieħed jew għall-prezz tal-kwota tax-xiri mill-ġdid. Madankollu, fejn il-prezz tal-kwota tax-xiri mill-ġdid ikun akbar mill-ammont ikkalkolat tat-tabakk li jkun irid jiġi inkluż fl-ammont ta' referenza, il-bidwi għandu jkun xorta intitolat, flimkien mal-pagament wieħed, għall-parti mill-prezz tax-xiri mill-ġdid li jikkorrispondi mad-differenza bejn l-ammont tal-prezz u l-ammont ikkalkolat skond il-punt I ta' l-Anness VII għal dan ir-Regolament.".

7. fl-Artikolu 37(1) is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:

"Madankollu, l-ammont ta' referenza għaż-żejt taż-żebbuġ għandu jkun il-medja tat-total ta' l-ammonti ta' pagamenti ta' erba' snin li bidwi jkun ingħata taħt l-iskema ta' għajnuna għaż-żejt taż-żebbuġ imsemmija fl-Anness VI, ikkalkolata u modifikata skond l-Anness VII, waqt is-snin ta' bejgħ kummerċjali 1999/2000, 2000/01, 2001/02 u 2002/03.".

8. L-Artikolu 40(5) huwa mibdul b'dan li ġej:

"5. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jgħoddu, *mutatis mutandis*, għall-bdiewa li, waqt il-perjodu ta' referenza, ikunu taħt ftehim agri-ambjentali skond ir-Regolament (KEE) Nru 2078/92 (*) u (KE) Nru 1257/1000, għall-bdiewa tal-ħop li, waqt dan l-istess żmien, ikunu marbuta li jiġbru l-prodott skond ir-Regolament (KE) Nru 1098/98 (**), kif ukoll għall-bdiewa tat-tabakk li jkunu ipparteċipaw fil-programm ta' kwota għax-xiri mill-ġdid skond ir-Regolament (KEE) Nru 2075/92.

Fil-każ fejn il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu kienu jkopru kemm il-perjodu ta' referenza kif ukoll il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandom jistabbilixxu, skond il-kriterji taħt mira u b'tali mod li jiġi assigurat trattament ugwali bejn il-bdiewa u biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni, ammont ta' referenza skond ir-regoli dettaljati li jkollhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).

(*) ĠU L 215, 30.07.92, p. 85.
(**) ĠU L 157, 30.05.98, p. 7."

9. fl-Artikolu 42(9) id-data tad-29 ta' Settembru 2003 hija mibdula bid-data tal-15 ta' Mejju 2004;

10. il-punt (a) ta' l-Artikolu 43(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(a) fil-każ ta' l-għajnuniet għall-lamtu tal-patata, għalf niexef, żerriegħa, imsaġar taż-żebbuġ u tabakk elenkati fl-Anness VII, in-numru ta' ettari li l-produzzjoni tagħhom tkun ingħatat l-għajnuna fil-perjodu ta' referenza kif ikkalkolat fil-punti B, D, F, H u I ta' l-Anness VII;".

11. is-subparagrafu li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 44(2):

"Ettaru eliġibbli għandha tfisser ukoll żoni miżrugħa bil-ħops jew li jkunu taħt l-obbligu ta' mistrieħ temporanju, jew żoni ikkalkolati skond it-tieni subparagrafu tal-punt H ta' l-Anness VIII taħt is-siġar taż-żebbuġ miżrugħa qabel l-1 ta' Mejju 1998, minbarra għal Code en erreur: 8eVipru u Malta, li għalihom id-data għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2001, jew siġar taż-żebbuġ ġodda li jieħdu post siġar taż-żebbuġ eżistenti jew siġar taż-żebbuġ fi ħdan skemi ta' tħawwil li jkunu approvati u irreġistrati f'sistema ġeografika ta' informazzjoni.".

12. L-Artikolu 51 huwa mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 51*

**L-użu agrikolu ta' l-art**

Il-bdiewa jistgħu jużaw il-pakketti iddikjarati skond l-Artikolu 44(3) għal kwalunkwe attività agrikola minbarra għal:

(a) prodotti permanenti tar-raba', apparti s-siġar taż-żebbuġ li jkunu nżergħu qabel l-1 ta' Mejju 1998, minbarra għal Code en erreur: 8eVipru u Malta, fejn għal dawn id-data għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2001, jew siġar taż-żebbuġ ġodda li jieħdu post is-siġar taż-żebbuġ eżistenti jew siġar taż-żebbuġ taħt skemi ta' tħawwil li jkunu approvati u irreġistrati f'sistema ġeografika ta' informazzjoni jew ħops;

(b) il-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 (*) u fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 (**).

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu biex jippermettu l-kultivazzjoni ta' prodotti tar-raba' sekondarji fl-ettari eliġibbli waqt perjodu massimu ta' tliet xhur li jibda kull sena fil-15 ta' Awissu; madankollu, fuq talba ta' Stat Membru, din id-data għandha tiġi mibdula skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2) għar-reġjuni fejn iċ-ċereali jiġu normalment maħsuda aktar kmieni minħabba t-temp;

(ċ) patata minbarra dik maħsuba għall-produzzjoni tal-lamtu tal-patata li għaliha l-għajnuna tingħata taħt l-Artikolu 93.

(*) ĠU L 297, 21.11.96, p. 1.
(**) ĠU L 297, 21.11.96, p. 29."

13. L-Artikolu 60(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Fejn Stat Membru jagħmel użu mill-għażla msemmija fl-Artikolu 59, il-bdiewa jistgħu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 51 u skond dan l-Artikolu, jużaw ukoll il-pakketti iddikjarati skond l-Artikolu 44(3) għall-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jew fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 u tal-patata minbarra dik intiża għall-produzzjoni tal-lamtu tal-patata li għaliha l-għajnuna tingħata skond l-Artikolu 93 ta' dan ir-Regolament, minbarra prodotti tar-raba' permanenti, apparti l-ħops jew is-siġar taż-żebbuġ miżrugħa qabel l-1 ta'Mejju 1998 jew siġar taż-żebbuġ li jieħdu post is-siġar taż-żebbuġ eżistenti jew is-siġar taż-żebbuġ fi ħdan skemi ta' tħawwil li jkunu approvati u irreġistrati f'sistema ġeografika ta' informazzjoni.".

14. l-Artikolu 64(2) huwa mibdul b'li ġej:

(a) fl-ewwel subparagraful-Artikoli 66, 67, 68 and 69 huma mibdula bl-L-Artikoli 66, 67, 68, 68a u 69;

(b) fit-tieni subparagrafu l-Artikoli 66, 67, 68 u 69 huma mibdula bl-L-Artikoli 66, 67, 68, 68a u 69

15. l-Artikolu 65(1) huwa mibdul b'li ġej:

l-Artikoli 66, 67, 68 u 69 huma mibdula bl-L-Artikoli 66, 67, 68, 68a u 69

16. fit-taqsima 2 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III, l-Artikolu li ġej għandu jiġi mdaħħal:

*"L-Artikolu 68a*

**Il-pagamenti tal-ħops**

Fil-każ tal-pagamenti tal-ħops, l-Istati Membri jistgħu jżommu sa 25 % tal-kompenent tal-limiti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 li jikkorrispondi mal-pagamenti taż-żona tal-ħops u ma' l-għajnuna għall-mistrieħ temporanju msemmija fl-Anness VI.

F'dan il-każ u fil-limitu ta' l-ammont limitattiv stabbilit skond l-Artikolu 64(2), l-Istati Membri ikkonċernati għandhom jagħtu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa u/jew pagament lill-gruppi ta' produtturi li jkunu rikonoxxuti skond l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71.

Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lill-bdiewa li jipproduċu l-ħops fuq bażi ta' kull ettaru, fuq il-livell massimu ta' 25 % tal-pagamenti għal kull ettaru msemmija fl-Anness VI li għandhom jingħataw taħt il-kondizzjonijiet msemmija fil-Kapitolu 10d tat-Titolu IV.

Il-pagament lill-gruppi ta' produtturi rikonoxxuti għandu jingħata bl-iskop li jiġu iffinanzjati l-attivitajiet msemmija fl-Artikolu 7(1) sa (d) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71.".

17. L-Artikolu 71 huwa emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu li ġej huwa miżjud mal-paragrafu 1:

"Għall-ħops, il-perjodu ta' transizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005. Il-perjodu ta' transizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-qoton, iż-żejt taż-żebbuġ u ż-żebbuġ ta' l-ikel u t-tabakk.";

(b) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 70(2), fil-perjodu ta' transizzjoni l-Istat Membru ikkonċernat għandu japplika l-pagamenti diretti msemmija fl-Anness VI skond il-kondizzjonijiet stabbiliti, b'mod rispettiv, fil-Kapitoli 3, minn 6 sa 10 u 10d sa 13 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1452/2001, fl-Artikoli 13 u minn 22(2) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru 1453/2001, u fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001, fil-limitu ta' l-ammonti limitattivi tal-budget li jikkorrispondu mal-komponenti ta' dawn il-pagamenti diretti fil-limitu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 41, li kien stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2) ta' dan ir-Regolament, għal kull wieħed mill-pagamenti diretti.".

18. fl-Artikolu 71g, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-bdiewa jistgħu, b'deroga mill-Artikolu 51 u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, jużaw ukoll il-pakketti iddikjarati skond l-Artikolu 44(3) għall-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 u l-patata minbarra dawk intiżi għall-produzzjoni tal-lamtu tal-patata li l-għajnuna għalihom hija garantita skond l-Artikolu 93 ta' dan ir-Regolament, minbarra l-prodotti tar-raba' permanenti, apparti l-ħops jew is-siġar taż-żebbuġ miżrugħa qabel l-1 ta' Mejju 1998 u, għal Ċipru u Malta, qabel il-31 ta' Diċembru 2001, jew siġar ġodda taż-żebbuġ li jieħdu post siġar taż-żebbuġ eżistenti jew siġar taż-żebbuġ li jkunu fi skemi approvati ta' tħawwil u irreġistrati f'sistema ġeografika ta' informazzjoni.".

19. L-Artikolu 84 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Żona massima ta' garanzija ta' 815600 ha qiegħda hawnhekk tiġi stabbilita.";

(b) fil-paragrafu 3, għall-Polonja, iż-żona massima ta' garanzija ta' 1000 ha hija mibdula b'4200 ha.;

20. il-Kapitoli li ġejjin huma imdaħħla fit-Titolu IV:

"Kapitolu 10a

**pagament speċifiku għall-prodott tar-raba' għall-qoton**

*Artikolu 110a*

**Prospettiva**

Għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu l-qoton, li jagħmlu mal-kodiċi NM 5201 00 taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 110b*

**Eliġibilità**

1. L-għajnuna għandha tingħata għal kull ettaru ta' żona eliġibbli għall-qoton. Sabiex tkun eliġibbli, iż-żona għandha tkun allokata fuq art agrikola awtorizzazzata mill-Istat Membru għall-produzzjoni tal-qoton, tkun tinħadem taħt varjetajiet awtorizzati u tkun miżmuma mill-inqas taħt kondizzjonijiet normali ta' tkabbir sal-ftuħ tal-ġewża tal-qoton.

Madankollu, jekk il-qoton ma jilħaqx l-istadju tal-ftuħ tal-ġewża minħabba kondizzjonijiet tat-temp eċċezzjonali li jkunu rikonoxxuti bħala tali mill-Istati Membri, iż-żoni li jingħataw għat-tkabbir tal-qoton biss għandhom jibqgħu eliġibbli għall-għajnuna sakemm iż-żoni taħt konsiderazzjoni sal-perjodu tal-ftuħ tal-ġewża ma jkunux intużaw għal xi skop ieħor ħlief għall-produzzjoni tal-qoton.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-art u l-varjetajiet msemmija fil-paragrafu 1 skond ir-regoli dettaljati u l-kondizzjonaijiet li jridu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).

*Artikolu 110c*

**Żoni li jservu bħala bażi u l-ammonti**

1. Żona li sservi bħala bażi qiegħda hawnhekk tiġi stabbilita għall-:

— Greċja: 370 000 ha

— Spanja: 70 000 ha

— Portugall: 360 ha.

2. L-ammont ta' għajnuna għal kull ettaru eliġibbli għandu jkun fil-:

— Greċja: EUR 594 għal 300000 ettaru u EUR 342.85 għas-70000 ettaru li jibqa'

— Spanja: EUR 1039

— Portugall: EUR 556.

3. Jekk fi Stat Membru partikolari u f'sena partikolari iż-żona eliġibbli għall-qoton tkun akbar miż-żona li sservi bħala bażi stabbilita fil-paragrafu 1, l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 2 għal dak l-Istat Membru għandha titnaqqas b'mod proporzjonat għall-qies taż-żona li sservi bħala bażi.

Madankollu, it-tnaqqis proporzjonat għall-Greċja għandu jiġi applikat fir-rigward ta' l-ammont ta' għajnuna stabbilit għall-parti taż-żona nazzjonali li sservi bħala bażi li hija ta' 70000 ettaru sabiex ikun rispettat l-ammont globali ta' EUR 202,2 miljun.

4. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).

*Artikolu 110d*

**Organizzazzjonijiet approvati inter-dipartimentali**

1. Għall-iskop ta' dan il-Kapitolu, organizzazzjoni approvata inter-dipartimentali għandha tfisser entità legali ifformata mill-bdiewa li jipproduċu l-qoton u mill-inqas minn wieħed li jfesdaq il-qoton, li timmira, b'mod partikolari, għall-provvista adattata u kwalitattiva ta' qoton mhux imfesdaq għal dak li jfesdaq il-qoton. L-Istat Membru li fih dawk li jfesdqu l-qoton ikunu stabbiliti għandu japprova l-organizzazzjoni li tirrispetta l-kriterji li jkunu jridu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).

2. L-organizzazzjoni approvata inter-dipartimentali għandha tkun iffinanzjata mill-membri tagħha.

*Artikolu 110e*

**Divrenzar ta' l-għajnuna minn organizzazzjonijiet approvati inter-dipartimentali**

1. L-organizzazzjoni approvata inter-dipartimentali tista' tiddeċiedi li mhux aktar minn nofs ta' l-ammont totali ta' l-għajnuna li l-bdiewa membri tagħha jkunu intitolati għaliha fuq bażi taż-żoni eliġibbli skond l-Artikolu 110b(1) tkun divrenzata skond sistema ta' gradazzjoni stabbilita minnha.

2. Is-sistem ata' gradazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi approvata mill-Istat Membru u għandha tirrispetta l-kriterji li jkollhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2). Dawn il-kriterji għandhom jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-kwalità tal-qoton mhux imfesdaq li jkun irid jiġi mqassam, u adattat għall-kondizzjonijiet ambjentali u ekonimiċi taż-żoni ikkonċernati.

*Artikolu 110f*

**Ħlas ta' l-għajnuna**

1. Il-bdiewa għandhom jingħataw l-għajnuna għal kull ettaru eliġibbli skond l-Artikolu 110c.

2. Il-bdiewa li jkunu membri ta' organizzazzjoni approvata inter-dipartimentali għandhom jingħataw għajnuna għal kull ettaru eliġibbli skond l-Artikolu 110c, miżjuda b'ammont ta' EUR 10. Madanakollu, f'każ ta' divrenzjoni, l-għajnuna għandha tingħata għal kull ettaru eliġibbli skond l-Artikolu 110c modifikat skond l-Artikolu 110e(1). L-ammont aġġustat għandu jiżdied b'ammont ta' EUR 10.

Il-Kapitolu 10b

**Għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ**

*Artikolu 110g*

**Prospettiva**

Għajnuna għandha tingħata lill-bdiewa bħala kontribuzzjoni għall-manutenzjoni ta' siġar taż-żebbuġ li jkunu ta' valur ambjentali jew soċjali skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 110h*

**Eliġibilità**

Il-pagament ta' l-għajnuna għandu jkun suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-masġar taż-żebbuġ għandu jiġi irreġistrat fis-sistema ġeografika ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2);

(b) l-uċuħ biss li jikkorrispodu mas-siġar taż-żebbuġ miżrugħa qabel l-1 ta'Mejju 1998, minbarra għal Code en erreur: 8eVipru u Malta, li għalihom id-data għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2001, jew mas-siġar jew l-uċuħ li jieħdu post u li jkunu koperti minn programm approvat mill-Kummissjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna;

(ċ) in-numru ta' siġar taż-żebbuġ fil-masġar taż-żebbuġ m'għandux ivarja b'aktar minn 10 % minn numru irreġistrat fl-1 ta' Jannar 2005 fis-sistema ġeografika ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2);

(d) il-masġar taż-żebbuġ għandu jikkonformi mal-karatteristiċi tal-kategorija tal-masġar taż-żebbuġ li taħtha l-għajnuna tiġi mitluba;

(e) l-għajnuna li tintalab għandha tammonta għal ta' l-anqas EUR 50 għal kull applikazzjoni.

*Artikolu 110i*

**Ammont**

1. L-għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ għandha tingħata għal kull żebbuġa GIS-ha. Żebbuġa GIS-ha għandha tkun l-unità li tirrappreżenta żona użata f'metodu komuni li jrid jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2) fuq bażi ta' data miġjuba mis-sistema ġeografika ta' informazzjoni għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ imsemmija fl-Artikolu 20(2).

2. Fl-ammonti massimi stabbiliti fil-paragrafu 3, u wara t-tnaqqis ta' l-ammont miżmum skond il-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu għajnuna għal kull żebbuġa GIS-ha sa mhux aktar minn ħames kategoriji ta' żoni ta' msaġar taż-żebbuġ.

Dawn il-kategoriji għandhom jiġu stabbiliti skond qafas komuni ta' kriterji ambjentali u soċjali, inklużi l-aspetti relatati mal-pajsaġġ u mat-tradizzjoni soċjali, li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2). F'dan il-kuntest partikolari l-manutenzjoni ta' l-imsaġar taż-żebbuġ f'żoni marġinali għandha tingħata attenzjoni.

3. Fejn il-ko-effiċjent ta' 0,4, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ko-effiċjent ta' 0,6, stabbilit fl-Anness VII (H) jiġi applikat, l-ammont massimu ta' għajnuna msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun kif ġej:

| | EUR miljun |
|---|---|
| Franza | 2,11 |
| Greċja | 208,14 |
| Italja | 272,05 |
| Ċipru | 2,93 |
| Malta | 0,07 |
| Spanja | 412,45 |
| Portugall | 22,66 |
| Slovenja | 0,17 |

L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont massimu bejn il-kategoriji differenti skond il-kriterji fil-mira u b'mod li ma jkunx diskriminatorju. Għal kull kategorija, l-għajnuna għal kull żebbuġa GIS-ha tista' tammonta għal, imma ma tistax taqbeż, il-livell ta' spejjeż tal-manutenzjoni bl-esklużjoni ta' l-ispejjeż tal-ħsad.

Fil-każ li l-Istati Membri jiddeċiedu biex inaqqsu l-ko-effiċjent ta' 0,4 l-ammont massimu ta' l-għajnuna msemmi fit-tabella t'hawn fuq, kif ukoll fl-Annessi VIII u VIIIA, għandu jiġi modifikat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).

L-ammonti massimi ta' għajnuna stabbiliti għal Code en erreur: 8eVipru u Malta huma provviżorji. Huma jistgħu jiġu riveduti fl-2005 wara l-introduzzjoni tas-sistema ġeografika ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2), skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2), biex jiġi aġġustat skond il-bżonn l-ammont massimu ta' għajnuna Code en erreur: 8eViprijott u Malti.

4. L-Istati Membri jistgħu jżommu sa 10 % mill-ammonti msemmija fil-paragrafu 3 biex jassiguraw l-iffinanzjar mill-Komunità ta' programmi ta' ħidma stabbiliti minn organizzazzjonijiet approvati ta' operaturi skond l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 865/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ ta' l-ikel (*).

Madankollu, jekk Stat Membru jiddeċiedi biex japplika ko-effiċjent aktar għoli minn 0,6 skond kif stabbilit fl-Anness VIII (H), huwa jista' jżomm massimu ta' 10 % tal-komponent taż-żejt taż-żebbuġ fil-limitu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 41 biex jassigura l-iffinanzjar mill-Komunità tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dan l-ammont massimu għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).

Il-Kapitolu 10c

**Għajnuna għat-tabakk**

*Artikolu 110j*

## Prospettiva ta' l-applikazzjoni

Għas-snin tal-ħsad 2006, 2007, 2008 u 2009 għajnuna tista' tingħata lill-bdiewa li jipproduċu tabakk mhux ipproċessat, li jagħmel parti mill-kodiċi NM 2401, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 110k*

## Eliġibilità

L-għajnuna għandha tingħata lill-bdiewa li jkunu irċevew pagament premium għat-tabakk skond ir-Regolamenti (KEE) Nru 2075/92 fis-snin tal-kalendarju 2000, 2001 u 2002, u lill-bdiewa li jkunu akkwistaw kwoti għall-produzzjoni tat-tabakk fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sa l-31 ta' Diċembru 2005. Il-pagament ta' din l-għajnuna għandu jkun suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tabakk għandu jinġieb minn żona ta produzzjoni msemmija fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2848/98 (**);

(b) il-ħtiġiet tal-kwalità msemmija fir-Regolament (KE) Nru 2848/98 għandhom jintlaħqu;

(ċ) il-werqa tat-tabakk għandha titwassal mill-bidwi lejn il-bini ta' min ikun ipproċessha l-ewwel taħt kuntratt ta' kultivazzjoni;

(d) għandha titwettaq b'tali mod li jkun assigurat it-trattament ugwali bejn il-bdiewa u/jew skond il-kriterji fil-mira bħal ma huma l-lokalità tal-produtturi tat-tabakk f'reġjun ta' l-Objettiv 1 jew il-produzzjoni ta' varjetajiet ta' ċerta kwalità.

*Artikolu 110l*

**Ammont**

1. Fejn ko-effiċjent ta' 0,6, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ko-effiċjent 0,4 stabbilit fl-Anness VII (I) jiġi applikat, l-ammont massimu tat-total ta' l-għajnuna, inklużi l-ammonti li jkollhom jiġu trasferiti fil-Fond tat-Tabakk tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 110m, għandu jkun kif ġej:

| | 2006 - 2009<br>EUR miljun |
|---|---|
| Belġju | 2,374 |
| Ġermanja | 21,287 |
| Greċja | 227,331 |
| Spanja | 70,599 |
| Franza | 48,217 |
| Italja | 200,821 |
| l-Awstrija | 0,606 |
| Portugall | 10,161 |

F'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu biex inaqqsu l-ko-effiċjent 0,6, l-ammont massimu ta' l-għajnuna msemmija fit-tabella t'hawn fuq, kif ukoll fl-Anness VIII, għandu jiġi aġġustat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).

*Artikolu 110m*

**Trasferiment għall-Fond tat-Tabakk tal-Komunità**

Ammont ugwali għal 4 % tas-sena tal-kalendarju 2006 u ta' 5 % tas-sena tal-kalendarju 2007 ta' l-għajnuna mogħtija skond dan il-Kapitolu għandu jiffinanzja l-azzjonijiet ta' informazzjoni taħt il-Fond tat-Tabakk tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2075/92.

Il-Kapitolu 10d

**ta' l-għajnuna għaż-żona tal-Ħops**

*Artikolu 110n*

**Prospettiva ta' l-applikazzjoni**

Għajnuna għandha tingħata lill-bdiewa li jipproduċu l-ħops li jagħmlu mal-kodiċi NK 1210, skond il-kondizzjonijiet imsemmija f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 110o*

**Eliġibilità**

Żoni eliġibbli għandhom ikunu żoni li jkunu:

— allokati fiż-żoni tal-produzzjoni tal-ħops kif ippubblikat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1784/77 (***),

— miżrugħa bil-ħops, u

— fil-fatt maħsuda.

(*) Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
(**) ĠU L 358, 31.12.98, p. 17. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1983/2002 (ĠU L 306, 08.11.02, p. 8).
(***) ĠU L 200, tat-8.8.1977, p. 1. Regolament kif l-aħħar emenadat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003."

21. fit-Titolu IVa, l-Artikolu 143c(2) is-sentenza li jmiss hija miżjuda wara l-ewwel sentenza tal-punt (a):

"Madankollu, għall-pagamenti diretti msemmija fil-Kapitolu 7 tat-Titolu IV, ta' dan ir-Regolament ir-rati massimi li ġejjin għandhom japplikaw: 85 % fl-2004, 90 % fl-2005, 95 % fl-2006 u 100 % mill-2007.".

22. it-Titolu li ġej IVb huwa miżjud:

"TITOLU IVB

**Trasferimenti finanzjarji**

*Artikolu 143d*

**Trasferiment finanzjarju għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-qoton**

Mis-sena tal-budget 2007, ammont ta' EUR (22 miljun), li jkun oriġina mill-medja ta' l-infieq għall-qoton fis-snin 2000, 2001 u 2002, għandu jkun disponibbli f'kull sena tal-kalendarju bħala għajnuna addizzjonali mill-Komunità għall-miżuri fir-reġjuni li jipproduċu l-qoton taħt il-programm ta' żvilupp rurali iffinanzjat permezz tat-Taqsima Garantita FAEGG skond ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

*Artikolu 143e*

**Trasferiment finanzjarju għar-ristrutturar tar-reġjuni tat-tabakk**

Mis-sena tal-budget 2011, ammont ta' EUR 484 miljun li jkun jirrappreżenta 50 fil-mija tal-medja ta' l-għajnuna totali tat-tliet snin 2000, 2001 u 2002 għat-tabakk issussidjat għandu jkun disponibbli bħala għajnuna addizzjonali tal-Komunità għall-miżuri fir-reġjuni li jipproduċu t-tabakk taħt il-programm ta' żvilupp rurali iffinanzjat taħt it-Taqsima Garantita FAEGG skond ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999, għal dawk l-Istati Membri fejn il-produtturi tat-tabakk ikunu irċevew għajnuna skond ir-Regolament (KE) Nru 2075/92 waqt is-snin 2000, 2001 u 2002."

23. il-punti li ġejjin huma miżjuda ma' l-Artikolu 145:

"(r) rigward il-qoton, regoli iddettaljati b'rispett lejn:

— il-kalkolazzjoni tat-tnaqqis ta' l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 110c(3),

— l-organizzazzjonijiet approvati inter-dipartimentali, b'mod partikolari l-iffinanzjar tagħhom u s-sistema ta' kontroll u sanzjoni;

(s) rigward l-iskema ta' pagament wieħed, regoli dettaljati għal kalkolazzjoni u/jew għall-modifika tad-drittijiet tal-pagamenti, bil-għan li l-għajnuna għall-qoton, żejt taż-żebbuġ, tabakk u ħops tiġi integrata fl-iskema.".

24. l-Artikoli li ġejjin huma mdaħħla wara l-Artikolu 151:

*"L-Artikolu 151a*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 546/2002**

Ir-Regolament (KE) Nru 546/2002 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikoli 1 u 2 u fl-Anness I, ħsad 2002, 2003 u 2004 għandha tinbidel bi ħsad 2002, 2003, 2004 u 2005;

2. it-titolu tat-tieni tabella li tinsab fl-Anness II huwa mibdul b'li ġej:

'Il-limiti garantiti għall-ħsad 2003, 2004 u 2005;'.

*Artikolu 151b*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 2075/92**

Fl-Artikolu 13(1) l-inċiż li jmiss għandu jiġi miżjud:

'— 3 % tal-premium għall-ħsad 2005;'."

25. il-punti li ġejjin huma miżjuda ma' l-Artikolu 152:

"(d) it-Titoli I u II tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92. Madankollu, huma għandhom jibqgħu jgħoddu għall-applikazzjonijiet ta' pagamenti diretti relatati mal-ħsad ta' l-2005;

(e) l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 (*). Madankollu, huma għandhom jibqgħu jgħoddu għall-applikazzjonijiet ta' pagamenti diretti relatati mal-ħsad ta' l-2004 u mal-ħsad ta' l-2005 jekk Stat Membru jiddeċiedi biex japplika l-iskema ta' pagament wieħed wara l-perjodu ta' transizzjoni għall-ħops kif imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 71(1) ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 175, 04.08.71, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2320/2003 (ĠU L 345, 31.12.03, p. 18)."

26. il-paragrafi li ġejjin huma mdaħħla fl-Artikolu 153:

"4a. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1051/2001 (*) hawnhekk huwa mħassar. Madankollu, hu għandu jibqa' jgħodd għas-sena ta' bejgħ kummerċjali 2005/06.

4b. Ir-Regolament (KEE) Nru 1098/98 hu hawnhekk imħassar. Madankollu hu għandu jibqa' jgħodd sal-31 ta' Diċembru 2005 jekk Stat Membru jiddeċiedi biex japplika l-iskema ta' pagament wieħed wara l-perjodu ta' transizzjoni għall-ħops kif imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 71(1) ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 148, 01.06.01, p. 3."

27. L-Artikolu li ġej huwa mdaħħal:

*"L-Artikolu 155a*

Sal-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament rigward il-qoton, iż-żejt taż-żebbuġ, iż-żebbuġ ta' l-ikel u l-imsaġar taż-żebbuġ, it-tabakk u l-ħops, akkumpanjat, f'każ li jkun meħtieġ, minn proposti xierqa.".

28. il-punti li ġejjin huma miżjuda ma' l-Artikolu 156(2):

"(g) Titolu IV, Kapitolu 10a, għandhom jibdew jgħoddu mill-1 ta' Jannar 2006 għall-qoton miżrugħ minn dik id-data;

(h) Titolu IV, Kapitolu 10b, għandhom jibdew jgħoddu mis-sena ta' bejgħ kummerċjali 2005/06.".

29. l-Annessi huma emendati skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

2. Hu għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006 minbarra għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) (a)l-Artikolu 1(9), (18), (19), (21) u (24) kif ukoll (29) rigward l-Annessi VIII u VIIIa li għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(b) l-Artikolu 1(1) rigward l-inserzjoni tal-ħops, (8), (11) rigward il-ħops, (12), (13), (14), (15), (16), (17) rigward il-ħops, (20) rigward il-Kapitolu 10d, (25) rigward (e), (26) rigward 4b, (29) rigward l-Annessi I, VI u VII għall-partijiet li jikkonċernaw il-ħops li għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MC DOWELL

*L-ANNESS*

L-Annessi huma hawnhekk emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa mibdul b'dan li ġej:

*"L-ANNESS I*

**Lista ta' l-iskemi ta' għajnuna li jikkonformu mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1**

| Settur | Bażi legali | Noti |
|---|---|---|
| Pagament wieħed | It-Titolu III ta' dan ir-Regolament | Pagament mifrud (ara l-Anness VI) (*) |
| Pagament ta' żona waħda | It-Titolu IVa, l-Artikolu 143b ta' dan ir-Regolament | Pagament mifrud li jieħu post il-pagamenti kollha diretti msemmija f'dan l-Anness |
| Qamħ ta' l-Awstralja | It-Titolu IV, Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-art (premium ta' kwalità) |
| Prodott tar-raba' bil-proteina | It-Titolu IV, Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-art |
| Ross | It-Titolu IV, Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-art |
| Lewż | It-Titolu IV, Kapitolu 4 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-art |
| Prodotti tar-raba' enerġetiċi | It-Titolu IV, Kapitolu 5 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-art |
| Patata bil-lamtu | It-Titolu IV, Kapitolu 6 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Ħalib u prodotti magħmulin mill-ħalib | It-Titolu IV, Kapitolu 7 ta' dan ir-Regolament | Premium tal-prodotti magħmula mill-ħalib u pagament addizzjonali |
| Prodott tar-raba' li jinħarat fil-Finlandja u f'ċertu reġjuni ta' l-Isvezja | It-Titolu IV, Kapitolu 8 ta' dan ir-Regolament (**) (*****) | Għajnuna reġjonali speċifika għall-prodotti tar-raba' li jinħartu |
| Żerriegħa | It-Titolu IV, Kapitolu 9 ta' dan ir-Regolament (**) (*****) | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Prodotti tar-raba' maħruta | It-Titolu IV, Kapitolu 10 ta' dan ir-Regolament (***) (*****) | Għajnuna għall-art, inklużi l-pagamenti mqiegħda f'ġenb, il-pagamenti għall-ħażna tal-ħaxix ta' l-għalf f'sajlos tal-ħġieġ, l-ammonti supplimentari (**), is-suppliment għall-qamħ ta' l-Awstralja u l-għajnuna speċjali |
| Nagħaġ u mogħoż | It-Titolu IV, Kapitolu 11 ta' dan ir-Regolament (***) (*****) | Premium tan-nagħġa u tal-mogħża, premium supplimentari u ċerti pagamenti addizzjonali |
| Code en erreur: 8eVanga u vitella | It-Titolu IV, Kapitolu 12 ta' dan ir-Regolament (*****) | Premium speċjali (***), premium li ma jkunx jikkonformi ma' l-istaġun, premium tal-baqar li jrawmu (inkluż meta jkunu mħallsa għall-baqar żgħażagħ li ma jkunux għadhom wellduu jinkludi l-baqra nazzjonali li trawwempremium meta jkun iffinanzjat b'mod konġunt) (***), qatlapremium (***), pagament ta' estensifikazzjoni, pagamenti addizzjonali |
| Legumi li jipproduċu frotta | It-Titolu IV, Kapitolu 13 ta' dan ir-Regolament (*****) | Għajnuna għall-art |
| Tipi speċifiċi ta' biedja u produzzjoni ta' kwalità | L-Artikolu 69 ta' dan ir-Regolament (****) | |
| Għalf niexef | L-Artikolu 71(2) it-tieni subparagrafu ta' dan ir-Regolament (*****) | |
| Skemi għall-bdiewa ta' daqs żgħir | L-Artikolu 2a Regolament (KE) Nru 1259/1999 | Għajnuna transitorja ta' l-art għall-bdiewa li jirċievu inqas minn EUR 1 250 |
| Żejt taż-żebbuġ | It-Titolu IV, Kapitolu 10b ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-art |
| Dud tal-ħarir | L-Artikolu 1 Regolament (KEE) Nru 845/72 | Għajnuna biex tingħata spinta t-trobbija |
| Banana | L-Artikolu 12 Regolament (KEE) Nru 404/93 | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Għeneb imqadded | L-Artikolu 7(1) Regolament (KE) Nru 2201/96 | Għajnuna għall-art |

| Settur | Bażi legali | Noti |
|---|---|---|
| Tabakk | It-Titolu IV, Kapitolu 10c ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Ħops | It-Titolu IV, Kapitolu 10d ta' dan ir-Regolament (***) (*****) | Għajnuna għall-art |
| Poseidom | L-Artikolu 9 (**) (*****), 12(2) u 16 Regolament (KE) Nru 1452/2001 | Setturi: ċanga u vitella; zokkor; vanilja ħadra |
| Poseima | L-Artikolu 13 (**) (*****), 16, 17 u 28(1), 21, 22(2) sa(4) (**) (*****) u (7), 27, 29 u 30(1), (2) u (4) Regolament (KE) Nru 1453/2001 | Setturi: ċanga u vitella; ħalib; patata; zokkor; qasba;ananas, tabakk, żerriegħa tal-patata, ċikwejra u te |
| Poseican | L-Artikolu 5 (**) (*****), 9 u 14 Regolament (KE) Nru 1454/2001 | Setturi: ċanga u vitella, nagħġa u mogħża; patata |
| Gżejjer ta' l-Eġew | L-Artikolu 6 (**) (*****), 8, 11 u 12 Regolament (KEE) Nru 2019/93 | Setturi: ċanga u vitella; patata; żebbuġ; għasel |
| Qoton | It-Titolu IV, Kapitolu 10a ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-art |

(*) Jingħataw bidu fl-1 ta' Jannar 2005 jew wara fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 71. Għall-2004, jew aktar wara fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 71, il-pagamenti diretti elenkati fl-
(**) L-Anness VI huma inklużi fl-Anness I minbarra l-għalf niexef u l-qoton.
(***) Fejn l-Artikolu 70 ikun applikat.
(****) Fejn l-Artikoli 66, 67, 68 jew 68a ikunu applikati.
(*****) Fejn l-Artikolu 69 ikun applikat."

2. L-Anness II hu mibdul b'dan li ġej:

*"L-ANNESS II*

**Limiti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 12(2)**

| Stat Membru | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 4,7 | 6,2 | 7,7 | 7,7 | 7,7 | 7,7 | 7,7 | 7,7 |
| Danimarka | 7,7 | 10,3 | 12,9 | 12,9 | 12,9 | 12,9 | 12,9 | 12,9 |
| Ġermanja | 40,4 | 54,6 | 68,3 | 68,3 | 68,3 | 68,3 | 68,3 | 68,3 |
| Greċja | 45,4 | 60,6 | 75,7 | 75,7 | 75,7 | 75,7 | 75,7 | 75,7 |
| Spanja | 56,9 | 76,5 | 95,5 | 95,5 | 95,5 | 95,5 | 95,5 | 95,5 |
| Franza | 51,4 | 68,7 | 85,9 | 85,9 | 85,9 | 85,9 | 85,9 | 85,9 |
| Irlanda | 15,3 | 20,4 | 25,5 | 25,5 | 25,5 | 25,5 | 25,5 | 25,5 |
| Italja | 62,3 | 83,7 | 104,6 | 104,6 | 104,6 | 104,6 | 104,6 | 104,6 |
| Lussemburgu | 0,2 | 0,3 | 0,4 | 0,4 | 0,4 | 0,4 | 0,4 | 0,4 |
| Olanda | 6,8 | 9,2 | 11,5 | 11,5 | 11,5 | 11,5 | 11,5 | 11,5 |
| Awstrija | 12,4 | 17,1 | 21,3 | 21,3 | 21,3 | 21,3 | 21,3 | 21,3 |
| Portugall | 10,8 | 14,6 | 18,2 | 18,2 | 18,2 | 18,2 | 18,2 | 18,2 |
| Finlandja | 8,0 | 10,8 | 13,6 | 13,6 | 13,6 | 13,6 | 13,6 | 13,6 |
| Svezja | 6,6 | 8,8 | 11,0 | 11,0 | 11,0 | 11,0 | 11,0 | 11,0 |
| Renju Unit | 17,7 | 23,6 | 29,5 | 29,5 | 29,5 | 29,5 | 29,5 | 29,5 ; |

2.a. L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

l-aħħar żewġ inċiżi tat-tieni kolonna għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"— 'Iż-żamma tal-fattizzi tal-pajsaġġ, inkluż, fejn ikun xieraq, il-projbizzjoni tal-qlugħ tas-siġar taż-żebbuġ

— Il-prevenzjoni milli jsir tkabbir ta' veġetazzjoni mhux mixtieqa fuq l-art agrikola

— Il-manutenzjoni ta' l-imsaġar taż-żebbuġ f'kondizzjoni tajba ta' veġetazzjoni.";

3. L-Anness V huwa mibdul b'dan li ġej:

*"L-ANNESS V*

**Skemi ta' għajnuna kompatibbli msemmija fl-Artikolu 26**

| Settur | Bażi legali | Noti |
|---|---|---|
| Gheneb imqadded | L-Artikolu 7(1) Regolament (KE) Nru 2201/96 | Għajnuna relatata ma' l-art |
| Ambjent agrikolu | It-Titolu II, Kapitolu VI (mill-Artikolu 22 sa24) u l-Artikolu 55(3) Regolament (KE) Nru 1257/1999 | Għajnuna relatata ma' l-art |
| Art imsaġġra | L-Artikolu 31 u l-Artikolu 55(3) Regolament (KE) Nru 1257/1999 | Għajnuna relatata ma' l-art |
| Żoni żvantaġġati u żonib'restrizzjonijiet | It-Titolu II, kapitolu V (minn l-Artikolu 13sa 21) u l-Artikolu 55(3) Regolament (KE) Nru 1257/1999 | Għajnuna relatata ma' l-art |
| Għalf niexef | L-Artikolu 10 u 11 Regolament (KE) Nru 603/95 | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Ċitru għall-ipproċessar | L-Artikolu 1 Regolament (KE) Nru 2202/96 | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Tadam għall-ipproċessar | L-Artikolu 2 Regolament (KE) Nru 2201/96 | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Inbid | L-Artikoli 11 sa 15 Regolament (KE) Nru 1493/1999 | Għajnuna għar-ristrutturar." |

4. ir-ringieli li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' l-Anness VI:

| | | |
|---|---|---|
| "Qoton | Il-paragrafu 3 tal-Protokoll 4 fuq il-qoton anness ma' l-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja | Għajnuna permezz tal-pagament għall-qoton mhux imfesdaq |
| Zejt taz-zebbug | L-Artikolu 5 Regolament 136/66/KEE: | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Tabakk | Artikolu3 Regolament (KEE) Nru 2075/92 | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Ħops | L-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 | Għajnuna għall-art |
| | L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1098/98 | Għajnuna għall-mistrieħ temporanju" ; |

5. dan li ġej huwa miżjud ma' l-Anness VII:

"G. **G. Qoton**

Meta bidwi jkun iddikjara ż-żoni miżrugħa bil-qoton, l-Istati Membri għandhom jikkalkolaw l-ammont li għandu jiġi miżjud ma' l-ammont ta' referenza billi jimmultiplikaw in-numru ta' ettari, sa żewġ numri deċimali, li jkunu ipproduċew il-qoton li jkun ingħata l-għajnuna skond il-paragrafu 3 tal-Protokoll 4 dwar il-qoton (*) f'kull sena tal-perjodu ta' referenza, b'dawn l-ammoni għal kull ettaru:

— EUR 966 għall-Greċja,

— EUR 1509 għall-Spanja,

— EUR 1202 għall-Portugall.

H. **Żejt taż-żebbuġ**

Fejn bidwi jkun irċieva għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġ, l-ammont għandu jkun ikkalkolat billi jiġi immultiplikat in-numru tat-tunnellati li jkun ingħata għalih dan il-pagament fil-perjodu ta' referenza (i.e. b'mod rispettiv, f'kull sena ta' bejgħ kummerċjail 1999/2000, 2000/01, 2001/02 u 2002/03) ma' l-ammont korrispondenti ta' għajnuna għal kull unità, indikat f'EUR/tunnellata, kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1415/2001 (**), (KE) Nru 1271/2002 (***), (KE) Nru 1221/2003 (****) u (KE) Nru 1794/2003 (*****), u multiplikat b'ko-effiċjent ta' 0,6. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu sa l-1 ta' Awissu 2005 biex iżidu dan il-ko-effiċjent. Dan il-ko-effiċjent m'għandux japplika għall-bdiewa li l-medja tagħhom ta' żebbuġ GIS-ha fil-perjodu ta' referenza, minbarra n-numru ta' żebbuġ GIS ha li jikkorrispodi mas-siġar addizzjonali miżrugħa barra kull skema approvata ta' tħawwil wara l-1 ta' Mejju 1998, tkun anqas minn 0,3. In-numru ta' żebbuġ GIS-ha għandu jiġi ikkalkolat b'metodu komuni li għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2) fuq il-bażi tad-data mis-sistema ġeografika ta' informazzjoni għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ.

Fejn il-pagamenti għall-għajnuna waqt il-perjodu ta' referenza jkunu ntlaqtu mill-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1638/98 (******), il-kalkolazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu għandha tiġi aġġustata kif ġej:

— fejn il-miżuri jkunu ġew applikati għal sena waħda biss ta' bejgħ kummerċjali, in-numru ta' tunnellati li għandhom jiġu ikkonsidrati għas-sena ikkonċernata għandu jkun ugwali għan-numru ta' tunnellati li kienu jingħataw l-għajnuna li kieku l-miżuri ma jiġux applikati,

— fejn il-miżuri jkunu ġew applikati għal sentejn konsekuttivi ta' bejgħ kummerċjali, in-numru ta' tunnellati li għandhom jiġu ikkonsidrati għall-ewwel sena ikkonċernata għandu jiġi stabbilit skond l-ewwel inċiż, u n-numru ta' tunnellati li għandhom jiġu ikkonsidrati għas-sena ta' wara għandu jkun ugwali għan-numru ta' tunnellati li għalihom tkun ingħatat l-għajnuna fuq l-aħħar sena ta' bejgħ kummerċjali qabel il-perjodu ta' referenza li ma jkunx intlaqat mill-applikazzjoni tal-miżuri msemmija.

L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw in-numru ta' ettari li għandhom jiġu inklużi fil-kalkolazzjoni tal-pagament wieħed bħala n-numru ta' żebbuġ GIS-ha li jkun inkiseb b'metodu komuni li jrid jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2) u fuq il-bażi tad-data mis-sistema ġeografika ta' informazzjoni għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ, minbarra n-numru ta' żebbuġ GIS-ha ta' siġar addizzjonali miżrugħa barra l-iskema approvata ta' tħawwil wara l-1 ta' Mejju 1998, minbarra għal Code en erreur: 8eVipru u Malta, li għalihom id-data għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2001.

I. **Tabakk mhux ipproċessat**

Fejn bidwi jkun irċieva pagament premium tat-tabakk, l-ammont għall-inklużjoni fl-ammont ta' referenza għandu jiġi ikkalkolat billi jiġi immultiplikat in-numru tal-kilogrammi maħdum fuq medja ta' tliet snin li għalihom dan il-pagament ikun ingħata, bl-ammont ta' għajnuna mkejla fuq medja ta' tliet snin għal kull kilogramm, b'konsiderazzjoni lejn il-kwantità totali ta' tabakk mhux ipproċessat tal-gruppi kollha varjati u immultiplikat bil-ko-effiċjent ta' 0,4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu biex iżidu dan il-ko-effiċjent.

Mill-2010 il-ko-effiċjent għandu jkun 0,5.

In-numru ta' ettari li għandhom jiġu inklużi fil-kalkolazzjoni ta' pagament wieħed għandu jikkorrispondi maż-żona indikata fil-kuntratti reġistrati tal-kultivazzjoni li għaliha jkun ingħata l-pagament premium, b'mod rispettiv, f'kull sena tal-perjodu ta' referenza, u fil-limiti taż-żona li sservi bħala bażi li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni fuq il-bażi taż-żona totali kif ikkomunikat lill-Kummissjoni skond l-Anness I (1.3) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2636/1999 (*******).

Fejn il-pagamenti ta’ għajnuna waqt il-perjodu ta’ referenza ikunu ntlaqtu mill-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 50 tar-Regolament (KEE) Nru 2848/98, il-kalkolazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu għandha tiġi modifikata kif ġej:

— fejn il-premium ikun tnaqqas b’mod parzjali jew totali, l-ammonti ta’ pagamenti li għandhom jiġu ikkonsidrati għas-sena ikkonċernata għandhom ikunu ugwali għall-ammonti li jingħataw li kieku ma jkunx seħħ dan it-tnaqqis,

— fejn il-kwota tal-produzzjoni tkun tnaqqset b’mod parzjali jew totali, l-ammonti ta’ pagamenti li jkollhom jiġu ikkonsidrati għas-sena ikkonċernata għandhom ikunu ugwali għall-ammonti tal-premium li kieku kienu jingħataw fis-sena ta’ qabel, mingħajr it-tnaqqis tal-premium, dejjem jekk iż-żona tal-produzzjoni indikata fl-aħħar kuntratt ta’ kultivazzjoni ma tkunx intużat għall-kultivazzjoni ta’ prodott tar-raba’ eliġibbli taħt kwalunkwe skema ta’ għajnuna diretta fis-sena ikkonċernata.

J. **Ħops**

Fejn bidwi jkun irċieva għajnuna għaż-żona tal-ħops jew għajnuna għall-mistrieħ temporanju, l-Istati Membri għandhom jikkalkolaw l-ammonti li jkollhom jiġu inklużi fl-ammont ta’ referenza billi jimmultiplikaw in-numru ta’ l-ettari, għal żewġ numri deċimali, li għalihom ikun ingħata pagament, b’mod rispettiv, f’kull sena tal-perjodu ta’ referenza, bl-ammont ta’ EUR 480 għal kull ettaru.

(*) ĠU L 291, 19.11.79, p. 174.
(**) ĠU L, 191, tat-13.7.2001, p. 10.
(***) ĠU L 184, 13.07.02, p. 5.
(****) ĠU L 170, 09.07.03, p. 8.
(*****) ĠU L 262, 14.10.03, p. 11.
(******) ĠU L 210, 28.07.98, p. 32.
(*******) ĠU L 323, tal-15.12.1999, p. 4.”;

6. L-Anness VIII huwa midbul b’dan li ġej:

*“L-ANNESS VIII*

**Limiti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41**

| Stat Membru | 2005 | 2006 | 2007, 2008 u 2009 | 2010 u s-snin ta’ wara |
|---|---|---|---|---|
| Belġju | 411 | 413 | 530 | 530 |
| Danimarka | 838 | 838 | 996 | 996 |
| Ġermanja | 4 489 | 4 503 | 5 492 | 5 496 |
| Greċja | 837 | 1 700 | 1 722 | 1 760 |
| Spanja | 3 244 | 4 043 | 4 241 | 4 253 |
| Franza | 7 199 | 7 231 | 8 091 | 8 099 |
| Irlanda | 1 136 | 1 136 | 1 322 | 1 322 |
| Italja | 2 539 | 3 112 | 3 464 | 3 497 |
| Lussemburgu | 27 | 27 | 37 | 37 |
| Olanda | 386 | 386 | 779 | 779 |
| Awstrija | 613 | 614 | 712 | 712 |
| Portugall | 452 | 493 | 559 | 561 |
| Finlandja | 467 | 467 | 552 | 552 |
| Svezja | 612 | 612 | 729 | 729 |
| Renju Unit | 3 351 | 3 351 | 3 869 | 3 869”; |

7. L-Anness VIIIA huwa mibdul b'dan li ġej:

*"L-ANNESS VIIIA*

**Limiti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 71c**

Il-limiti gew ikkalkolati b'kosiderazzjoni lejn l-iskeda ta' zidiet imsemmija fl-Artikolu 143a, u ghalhekk ma jinhtigux tnaqqis.

*(f'miljuni ta' EUR)*

| Sena tal-Kalendarju | Repubblika Ċeka | Estonja | Ċipru | Latvja | Litwanja | Ungerija | Malta | Polonja | Slovenja | Slovakkja |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2005 | 228,8 | 23,4 | 8,9 | 33,9 | 92,0 | 350,8 | 0,67 | 724,6 | 35,8 | 97,7 |
| 2006 | 266,7 | 27,3 | 12,5 | 39,6 | 107,3 | 420,2 | 0,83 | 881,7 | 41,9 | 115,4 |
| 2007 | 343,6 | 40,4 | 16,3 | 55,6 | 146,9 | 508,3 | 1,64 | 1140,8 1 | 56,1 | 146,6 |
| 2008 | 429,2 | 50,5 | 20,4 | 69,5 | 183,6 | 634,9 | 2,05 | 425,9 | 70,1 | 183,2 |
| 2009 | 514,9 | 60,5 | 24,5 | 83,4 | 220,3 | 761,6 | 2,46 | 1 711,0 | 84,1 | 219,7 |
| 2010 | 600,5 | 70,6 | 28,6 | 97,3 | 257,0 | 888,2 | 2,87 | 1 996,1<br>2 | 98,1 | 256,2 |
| 2011 | 686,2 | 80,7 | 32,7 | 111,2 | 293,7 | 1014,9 1 | 3,28 | 281,1 | 112,1 | 292,8 |
| 2012 | 771,8 | 90,8 | 36,8 | 125,1 | 330,4 | 141,5 | 3,69 | 2 566,2 | 126,1 | 329,3 |
| Snin ta' wara | 857,5 | 100,9 | 40,9 | 139,0 | 367,1 | 1 268,2 | 4,10 | 2 851,3 | 140,2 | 365,9"; |